# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 26 ta' Frar, 2020**

**Rikors Numru: 238/2014 MLF**

**Henry Depasquale u Maria Annunziata Depasquale**

**vs**

**Raymond u Anne konjugi Meilaq**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-atturi li permezz tieghu talbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' sebat elef u tnax-il Ewro u erbgha u tletin centezmu (€7,012.34) dovuti stante li permezz ta' kuntratt datat 22 ta' Awwissu 1986 in atti Nutar Dr. Anthony Gatt l-intimati hadu self minghand l-HSBC Bank Malta p.l.c., u sussegwentement, permezz ta' kuntratt iehor tat-22 ta' Novembru 2013 in atti Nutar Dr. Marilena Cristina ir-rikorrenti gew surrogati fid-drittijiet tal-bank fil-konfront tal-intimati, liema drittijiet jissarfu f'somma dovuta fl-ammont ta' sebat elef u tnax-il Ewro u erbgha u tletin centezmu (€7,012.34).

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Dicembru 2013.

Rat ir-risposta tal-konvenuti li permezz taghha eccepew:

1. Illi din l-azzjoni b'konsegwenza ta' surroga li l-atturi qed jippretendu trid tirrizulta skond il-ligi.

2. Illi din l-azzjoni li l-atturi qed jippretendu li jistghu jezercitaw kontra l-esponenti minflok l-HSBC Bank Malta p.l.c., liema fatt qed jigi kkontestat.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi u semghet it-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Permezz ta' sentenza fl-ismijiet Henry Depasquale Et vs Benedetta Meilak et moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Lulju, 2008, il-konvenut odjern Raymond Meilaq flimkien ma hutu Raymond u Christopher ahwa Meilak u ommhom Benedetta Meilak, gew ikkundannati ihallsu lill-atturi odjerni s-somma ta' tlieta u sebghin elf, mija u tlieta u ghoxrin Euro u disgha u sittin centezmu (€73,123.69), flimkien ma' l-ispejjez u l-imghaxijiet.[1]

2. Sussegwentement fl-atti ta' bejgh fl-irkant bil-qorti, l-attur Henry Depasquale akkwista nofs indiviz ta' immobbli li kien jappartjeni lill-konvenut Raymond Meilaq u dan versu l-prezz ta' tlieta u erbghin elf u hames mitt euro (€43,500) li gie offrut *animo compensandi* bi tpacija mal-kreditu tal-atturi hawn fuq indikat.[2]

3. Fl-atti ta' din is-subbasta, kienet intervjeniet is-socjeta' HSBC Bank Malta plc li oggezzjonat ghat-tpacija mitluba mill-atturi stante li dan il-Bank kien kreditur tal-

[1] Ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Lulju, 2008 (Citazzjoni Numru 1166/2007) a *fol.* 15 tal-process.
[2] Ara l-verbal tal-liberazzjoni datat 20 ta' Marzu, 2012 a *fol.* 18 tal-process

konvenuti fl-ammont ta' sebat elef u tnax-il Euro u erbgha u tletin centezmu (€7,012.34).[3]

4. Permezz ta' kuntratt datat 22 ta' Novembru 2013 maghmul fl-atti tan-Nutar Marilena Cristina, l-atturi hallsu lil HSBC Bank Malta plc is-somma ta' €7,012.34 dovuta lill-Bank mill-konvenuti, filwaqt li l-Bank issurroga lill-atturi fid-drittijiet ipotekarji u privileggati kollha tieghu naxxenti min-nota ta' ipoteka registrata fir-Registru Pubbliku u numerata I.9589/1986.[4]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*L-Ewwel Eccezzjoni – Is-Surroga trid tirrizulta skond il-Ligi*

Il-konvenuti jecepixxu permezz tal-ewwel eccezzjoni taghhom li l-azzjoni rizultanti minn surroga pretiza mill-atturi fil-konfront taghhom ghandha tirrizulta skond il-ligi.

L-Artikolu 1164 tal-Kodici Civili jipprovdi li "*min iħallas id-dejn ta' wieħed ieħor ma jidħolx fil-jeddijiet tal-kreditur, ħlief bis-saħħa ta' konvenzjoni, jew b'disposizzjoni tal-liġi.*" Is-surroga ssir *ipso jure* f'dawk ic-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 1166 tal-Kodici Civili. Is-surroga tista' ssehh ukoll b'konvenzjoni fiz-zewg cirkostanzi previsti fl-artikolu 1165 tal-istess Kodici. Applikabbli ghal kaz odjern hija c-cirkostanza kontemplata fl-artikolu 1165(a) u cioe' "*meta l-kreditur idaħħal floku l-persuna li mingħandha jieħu l-ħlas fil-jeddijiet tiegħu kollha kontra d-debitur, basta li din is-surroga ssir espressament u flimkien mal-ħlas.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Vincent Buttigieg vs Qala St. Joseph Football Club** moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri[5] fl-14 ta' Dicembru 2007 gie ritenut illi "*Fil-kaz ta' surroga m'hemmx il-htiega ta' ftehim bil-miktub. Kull ma titlob il-ligi hi konvenzjoni, minghajr ma tikkwalifika li hi mehtiega l-kitba ad validitatem. Ghalhekk is-surrogat jakkwista b'titolu derivattiv id-drittijiet tal-kreditur originali u dan jidhol fl-istess posizzjoni identika, sostanzjali u processwali, tal-kreditur fil-konfront tat-terz li jkun debitur.*" F'din is-sentenza, wara li ghamlet ezami tad-differenzi bejn is-surroga u c-cessjoni ta' kreditu,

[3] Ara l-affidavit ta' Henry Depasquale a *fol.* 13 tal-process.
[4] Ara l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Marilena Cristina a *fol.* 27 tal-process.
[5] *Per* illum Imhallef Anthony Ellul

il-Qorti kompliet tghid hekk: "*Fil-kaz ta' hlas b'surroga b'konvenzjoni, il-ligi ma timponi l-ebda obbligu ta' notifika lid*-debitur. *Min-naha l-ohra f'cessjoni ta' kreditu, hi mehtiega d-denunzja lid-debitur b'att gudizzjarju sabiex ic-cessjonarju jkun jista' jezercita l-jeddijiet lilu ceduti (Artikolu 1471 tal-Kodici Civili).*"

Ghalhekk l-unici zewg rekwiziti kontemplati fl-artikolu 1165(a) tal-Kodici Civili sabiex issehh surroga valida mill-kreditur (f'dan il-kaz HSBC Bank Malta plc) a favur tal-persuna li minghandha jiehu l-hlas (f'dan il-kaz l-atturi) huma li s-surroga ssir (i) espressament u (ii) flimkien mal-hlas. Il-ligi lanqas tehtieg li l-ftehim dwar is-surroga ssir bil-miktub izda tillimita ruhha ghall-fatt li s-surroga trid issir b'konvenzjoni.

Ghalkemm il-kawza odjerna titratta surroga u mhux cessjoni ta' kreditu, ghal fini ta' kompletezza ghandu jinghad li hemm distinzjoni netta bejn surroga u cessjoni u dan peress illi filwaqt li s-surroga tippresupponi li l-kreditur originali ikun gie sodisfatt, ic-cessjoni tikkontempla sitwazzjoni fejn it-twettiq ta' l-obbligazzjoni fil-konfront tal-kreditur tkun ghadha ma sehhitx u c-cedent ikun qieghed jitrasferixxi l-jeddijiet tieghu fil-konfront tad-debitur. Hija l-ligi stess li taghmel din id-distinzjoni u tohloq procedura differenti li ghandha tigi segwita fiz-zewg kazijiet. Fil-kaz ta' surroga ma huwiex mehtieg li d-debitur jigi mgharraf bil-fatt li tkun sehhet dik is-surroga. Dan jikkuntrasta mar-rekwiziti fil-kaz ta' cessjoni fejn il-ligi tesigi li c-cessjoni ma tiswiex jekk ma ssirx bil-miktub u ghandha tigi mgharrfa lid-debitur permezz ta' att gudizzjarju sabiex ic-cessjonarju jkun jista, kwantu ghal terzi, jezercita l-jeddijiet lilu ceduti.

Fil-kaz odjern, mill-kuntratt datat 22 ta' Novembru 2013 fl-atti tan-Nutar Marilena Cristina jirrizulta b'mod car li sehhet surroga *ex parte creditoris* ai termini ta' l-artikolu 1165(a) tal-Kodici Civili u dan billi l-atturi hallsu lil HSBC Bank Malta plc fil-kwalita' tieghu ta' kreditur tal-konvenuti s-somma ta' €7,012.34, b'dana li l-Bank fuq l-istess kuntratt issurroga lill-atturi fid-drittijiet kollha tieghu *qua* kreditur fis-somma hawn imsemmija. Ghalhekk ma hemmx dubju li din is-surroga b'konvenzjoni hija wahda valida stante li hija konformi mar-rekwiziti ta' l-artikolu 1165 tal-Kodici Civili. Peress li l-atturi hallsu d-dejn, huma dahlu fil-jeddijiet tal-kreditur, u dan limitatament ghall-ammont minnhom imhallas fis-somma ta' €7,012.34, li hija s-somma pretiza mill-atturi permezz ta' din il-kawza.

Minn dan kollu jsegwi li s-surroga in kwistjoni hija wahda valida u skond il-ligi. Konsegwentement din l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti qeghda tigi michuda.

*It-Tieni Eccezzjoni – L-atturi ma jistghux jagixxu minflok l-HSBC Bank Malta plc*

Permezz tat-tieni eccezzjoni taghhom imbaghad il-konvenuti jecepixxu li l-atturi ma jistghux jezercitaw din l-azzjoni fil-konfront taghhom minflok l-HSBC Bank Malta p.l.c.

Il-konvenut Raymond Meilaq xehed li huwa qatt ma kien ircieva atti gudizzjarji minghand l-HSBC Bank Malta plc fir-rigward ta' dan il-kreditu. L-abbli avukat difensur tal-konvenuti fit-trattazzjoni orali tieghu spjega l-linja difensjonali tal-konvenuti billi sostna li l-Bank ma kien ha l-ebda passi legali sabiex jirrendi l-kreditu tieghu wiehed ezekuttiv.

Il-Qorti ma taqbel xejn ma din is-sottomissjoni tal-konvenuti. Fl-ewwel lok, kif gie ribadit aktar qabel is-surroga ma tehtiegx l-ezistenza ta' titolu ezekuttiv sabiex tkun wahda valida. Kull ma huwa mehtieg huwa li din issir espressament u flimkien mal-hlas. Din hija cirkostanza komuni fil-kamp tal-assigurazzjoni fejn l-assiguratrici thallas lill-assigurat taghha li da parti tieghu jissurroga lill-istess assiguratrici fid-drittijiet tieghu fil-konfront ta' terz li jkun ikkawza d-dannu. L-assiguratrici imbaghad tghaddi biex tintavola l-proceduri gudizzjarji fil-konfront tat-terz, u huma dawk il-proceduri li jistghu eventwalment iwasslu ghal titolu ezekuttiv.

F'dan ir-rigward ghandu jigi nnutat li l-artikolu 1167 tal-Kodici Civili jipprovdi li "*is-surroga, sew b'konvenzjoni kemm bis-saħħa tal-liġi, għandha effett sew kontra garanti kemm kontra d-debituri*". Minn dan isegwi li l-effett tas-surroga ma huwiex li testingwi l-obbligazzjoni tad-debitur izda li titrasferixxi d-dritt li jirkupra d-dejn mill-kreditur originali ghal fuq il-persuna li minghandha il-kreditur ikun ircieva l-hlas. F'dan il-kaz is-surroga sehhet b'konvenzjoni kif kontemplata fl-artikolu 1165(a) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu ma jaghtix lid-debitur l-ghazla ta' min huwa l-kreditur tieghu. Id-dejn jibqa' wiehed oggettiv u inalterat u kull ma jinbidel bis-sahha tas-surroga huwa biss il-kreditur lil min dan id-dejn irid jithallas. Ghalhekk is-surrogat jakkwista d-drittijiet tal-kreditur u jidhol fil-konfront tad-debitur fl-istess posizzjoni li kienet tal-kreditur originali.

Gie sottomess ukoll mill-abbli avukat difensur tal-konvenuti li f'dan il-kaz hija mankanti l-prova dwar x'inhuma d-drittijiet tal-Bank li gew surrogati favur l-atturi. Huwa minnu li f'dan il-kaz ma gietx esebita kopja tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt minn fejn tnissel id-dejn tal-kreditur originali. Madankollu f'dan il-kaz l-atturi ma kellhomx l-oneru li jippruvaw l-origini tad-dejn izda l-ezistenza tieghu. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti l-atturi rnexxielhom jaghmlu din il-prova permezz tax-xhieda ta' Mariella Caruana, rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc li kkonfermat li d-dejn dovut mill-konvenuti lill-Bank kien dak indikat fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Marilena Cristina datat 22 ta' Novembru 2013 u li permezz tieghu l-atturi hallsu d-dejn tal-konvenuti li huwa ekwivalenti ghall-pretiza tal-atturi fil-kawza odjerna. In oltre hija ezebiet ukoll l-istatement tal-home loan li kellhom il-konvenuti mal-Bank qabel gie iffirmat dan il-kuntratt, u l-ammont li kien dovut lill-Bank minn ezami ta' dawn l-istatements, huwa identiku ghal dak li gie indikat fil-kuntratt tat-22 ta' Novembru 2013, kif effettivament qalet l-istess xhud Mariella Caruana. Din ix-xhieda u dan l-istatement tal-Bank ma gew bl-ebda mod kontradetti mill-konvenuti. Fix-xhieda tieghu, il-konvenut Raymond Meilaq ma jsemmi xejn f'dan ir-rigward u llimita ruhu ghal dikjarazzjoni li kien gie infurmat mill-avukat tieghu li d-dejn kien gie maqtugh.

Finalment jigi osservat ukoll li l-konvenuti ma ressqu ebda kontestazzjoni dwar il-*quantum* jew l-ezistenza tad-dejn dovut minnhom lill-kreditur originali. Fid-dawl tas-suespost, din it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti wkoll ser tigi michuda u konsegwentement il-Qorti tqis illi l-atturi ippruvaw il-pretenzjoni taghhom sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp civili, u ser tghaddi biex tilqa' t-talba attrici fl-intier taghha.

L-atturi talbu l-imghax fuq l-ammont mitlub minnhom mid-data tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Dicembru 2013. Ai termini tal-Artikolu 1141 tal-Kodici Civili, jekk l-obbligazzjoni ma tkunx ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu *ipso jure*, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju. In linea ma' gurisprudenza affermata dawn ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tal-att gudizzjarju, u mhux mid-data tal-istess att gudizzjarju. Konsegwentement, it-talba tal-atturi ghall-imghax se tintlaqa' limitatament mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti;
2. Konsegwentement, tilqa' t-talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' sebat elef u tnax-il Euro u tlieta u erbghin centezmu (€7,012.34c), bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Dicembru 2013.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Dicembru 2013 ghandhom jigu subiti mill-konvenuti.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**